**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 25 – IT-TNEJN, 31 TA' OTTUBRU 2011 FIS-6:00PM**

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Joan Farrugia | Kunsilliera |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsilliera |
| | Violet Bajada | Kunsilliera |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat | Rita Saliba | Kunsilliera |

**1 *Tenders* SGNLC/T/02/11 u SGNLC/T/03/11**

1.1 Ġew ippreżentati r-rapport tal-*health and safety* li ġew mitluba lill-kuntrattur Dimbros, kif ukoll ir-rapport tal-Perit tal-Kunsill fejn irrakomanda l-għotja ta' dawn it-*tenders* lil dan il-kuntrattur.

1.2 Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li dawn iż-żewġ *tenders* jiġu *awarded* lill-Kumpanija Dimbros. Il-Kunsillier Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1 Minuti Numru 20 – 2 ta' Mejju 2011

2.1.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. L-ewwel korrezzjoni kienet f'20.1.12 wara il-kelma "ikel" ghanda tidħol il-frażi "kif ġie deċiż mill-Kunsill". It-tieni korrezzjoni kienet f'20.5.1 fejn għandha tiżdied fl-aħħar "Ġie deċiż li l-ftuħ ta' *tenders* isiru fl-10.00am".

2.1.2 Il-Kunsilliera Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Minuti Numru 20 (kontinwazzjoni) – 30 ta' Mejju 2011

2.2.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'20.2.23 wara l-frażi "Il-Kunsilliera Joan Farrugia" għandha tidħol il-frażi "staqsiet lis-Sindku jekk dawn is-sinjali humiex kontra l-liġi, wara li s-Sindku ikkonferma, hija".

2.2.2 Il-Kunsillier Antoine Mifsud Bonnici ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.3 Minuti Numru 20 (kontinwazzjoni 2) – 13 ta' Ġunju 2011

2.3.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

2.3.2 Il-Kunsilliera Joan Farrugia ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsilliera Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

2.4 Minuti Numru 21 – 27 ta' Ġunju 2011

2.4.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'21.1.11 u f'21.1.12 għandha tinbidel il-kelma "Mozzjoni" għall-kelma "Proposta".

2.4.2 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li jiġu approvati l-minuti, Il-Viċi Sindku David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.5 Minuti Numru Ad Hoc – 22 ta' Awwissu 2011

2.5.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. 1i għandha tinqara "Membru tal-Kunsill issuġġerixxa li dan ir-rapport għandu jiġi *printed* imma ma kienx hemm aċċess għall-uffiċini".

2.5.2 Il-Kunsilliera Joan Farrugia ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.6 Minuti Numru Ad Hoc (Kontinwazzjoni) – 24 ta' Awwissu 2011

2.6.1 Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet.

2.6.2 Il-Kunsilliera Marica Bayliss ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

2.7 Minuti Numru Ad Hoc (Kontinwazzjoni 2) – 29 ta' Awwissu 2011

2.7.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti.

2.7.2 Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsilliera Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

Fis-6.45pm saret waqfa ta' 15-il minuta.

2.8 Minuti Numru 23 - 10 ta' Ottubru 2011

2.8.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'4.5 għandha tiżdied fl-aħħar "u *storage*".

2.8.2 Il-Viċi Sindku David Dalli ippropona li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsilliera Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

2.9 Minuti Numru 24 – 17 ta' Ottubru 2011

2.9.1 Kien hemm żewġ korrezzjonijiet. F'2.1 għandha tiżdied "u jinbidlu dawk li hemm bżonn". It-tieni korrezzjoni kienet f 3.1 għandha tiżdied "Tlabna ukoll għall-*specs* taż-żebgħa".

2.9.2 Il-Kunsilliera Violet Bajada ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Il-Kunsillier Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 3 Pagamenti – Numru 53

3.1 Ġew diskussi l-pagamenti. Ġie deċiż li pagament Numru 24 jiġi ivverifikat qabel ma jiġi approvat.

3.1.1 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Ġie deċiż li tintalab *Programme of Works* mill-ELC.

4.2 Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Perit biex jibgħat il-kontijiet fuq il-Kumpanija li saret il-kuntratt magħha.

4.3 Saret diskussjoni rigward is-servizz li l-Kumpanija *Green MT* qed tagħti lill-Kunsill. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma kienx kuntent b'dan is-servizz. Saret diskussjoni rigward il-Kumpanija *Green Pak* u l-*presentation* li ġiet ikkommunikata lill-Kunsill. Il-Viċi Sindku ippropona li tiġi mqabbda il-Kumpanija *Green Pak* minflok il-Kumpanija *Green MT*. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ssekonda. Kien hemm qbil unanimu. Għandu jintalab lill-GreenPak jekk hux possibbli jinġabar il-ħġieġ *door to door*.

4.4 Ġiet ikkommunikata s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Sat-30 ta' Settembru 2011 kien hemm 8622.25 Euro *deficit* għas-sena finanzjarja kurrenti.

4.5 Saret diskussjoni rigward il-librerija tal-Kunsill u l-popularità tagħha. Is-Sindku ippropona li jinxtraw b'700 Euro kotba għal din il-librerija. Il-Kunsilliera Violet Bajada ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

4.6 Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-pulizija rigward l-*access* ta' *Heavy Vehicles* minn Wied Għomor. Kien hemm qbil li m'għandhomx jgħaddu *heavy vehicles*.

Il-Kunsilliera Violet Bajada skużat ruħha mil-laqgħa (8.23pm).

4.7 Ġie deċiż li tinġabar stima rigward it-tiżjin tal-Milied fi Triq in-Naxxar u għall-*supply box* fi Triq Misraħ Lourdes.

4.8 Ġie deċiż li tintgħażel Triq Vincenzo Galea biex napplikaw għall-*Measure* 125 mal-*Majjistral Action Group*. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jindaga rigward x'hemm bżonn biex nibbenefikaw minn dawn il-fondi.

4.9 Ġew ippreżentati tliet stimi rigward ix-xogħol strutturali fil-garaxx tal-Kunsill. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li tiġi aċċettata l-offerta ta' Raymond Mamo li tammonta għal 3150.60 Euro minħabba li hija l-irħas offerta. Il-Kunsillier Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.10 Saret diskussjoni rigward il-kont pendenti tal-*SR Services* li ġie mwaqqaf erba' xhur qabel minħabba xogħol li sar ħażin. Ġie deċiż li dan il-kont jitħallas minħabba li ma kienx ġie ikkommunikat mal-kuntrattur ir-raġuni għalfejn ġie mwaqqaf dan il-kont. Ġie deċiż ukoll li ma jsir xejn aktar mingħand dan il-kuntrattur minħabba din ir-raguni.

4.11 Ġie deċiż li jsir wiċċ ġdid tal-kċina. Dan m'għandux iqum aktar minn 200 Euro.

4.12 Ġie ikkommunikat li rċevejna żewġ offerti għat-*tender* tal-Blokks tal-Awtorità tad-Djar. Dawn bħalissa qegħdin għand il-Perit tal-Kunsill biex jiġu evalwati.

4.13 Irċevejna ittra mingħand *GM Productions* biex nixtru u nippreżentaw tifkira lil *Miss San Gwann* għall-kompetizzjoni *Miss Malta*. Ġie deċiż li nirrifjutaw din it-talba.

4.14 Ġie ippreżentat ir-rapport ta' xogħljiet ta' *patching* u bankini li kien hemm bżonn li jsir madwar il-lokal. Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ipppropona li jsiru dawn ix-xogħlijiet. Il-Viċi Sindku David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.15 Saret diskussjoni rigward Ġnien taż-Żwejt.

**4 Ħatra ta' żewġ skrivani Skala 15**

4.1 Inqara r-rapport tal-Bord li għamel l-*interviews*. Il-Bord b'mod unanimu rrakomanda li ż-żewġ kandidati jiġu aċċettati mill-Kunsill.

4.2 Is-Sindku ippropona li skont ir-rapport tal-Bord iż-żewġ kandidati jiġu impjegati mal-Kunsill bħala Skrivan Skala 15. Il-Kunsillier Antoine Mifsud Bonnici ssekonda. KIen hemm qbil unanimu.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fid-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 14 ta' Novembru fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**